MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2334/2003

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Marlene Azzopardi**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenuta thallas Lm141.00c (mija u wiehed u erbghin lira Maltin) dovuti in kwantu Lm123.00c (mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin) bhala prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuta u in kwantu Lm18.00c (tmintax-il lira Maltin) bhala mghaxijiet legali.

Ra r-Risposta li biha l-konvenuta tghid li preliminarjament it-talba hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili u minghajr pregudizzju li l-ammont ta' Lm80.00c (tmenin lira Maltin) huwa biss dovut, izda wara li d-delivery tal-merkanzija mibjugha kienet kif miftiehem.

Ra d-dokumenti esebiti u sema' x-xhieda.

Ra s-seduta datata 1 t'April, 2004 li fiha xehdet Marlene Azzopardi fejn tghid li kienet ordnat *microwave oven* u *grill* u anke *dehumidifier* minghand is-Sur Stagno Navarro ghan-nom tas-socjeta' attrici. Il-konvenuta kienet staqsietu jekk il-letteratura in konnessjoni ma' dawn l-items kienu bl-Ingliz u hu kkonferma li kienu bl-Ingliz.

Il-partijiet qablu li gie moghti lill-konvenuta l-ktieb bil-Germaniz u lingwi ohra barra l-Ingliz.

Il-konvenuta tghid li qablu l-partijiet li tatihom Lm200.00c (mitejn lira Maltin) u meta s-socjeta' attrici ggibilha l-affarijiet bl-Ingliz kienet thallas il-bilanc u ghalhekk baqghet tistenna l-letteratura bl-Ingliz. Tikkonferma li marret diversi drabi biex iggib dan il-ktieb izda qatt ma tawha xejn. Tikkonferma wkoll li s-socjeta' attrici kienet baghtet cookery book li gie pprintjat bl-Ingliz pero' mhux li talbet il-konvenuta. Tiftakar li darba Karol Calleja kellem lil xi mpjegat biex persuna li tigi minn barra sabiex iggib il-ktieb bl-Ingliz. Fil-kontro-ezami l-konvenuta tghid li ghall-*oven* ma kienetx iffirmat kuntratt ghaliex ghamlitu minn fuq it-telefon. Tghid ukoll li ma tistax tuza l-*microwave oven* "to its capabilities" billi m'ghandhiex l-instruction manual u cookery book li jaghmel referenza ghall-*microwave* in kwistjoni.

Ra x-xhieda ta’ Michael Stillato, prodott mill-konvenuta, fejn ikkonferma li qalet il-konvenuta. Zied ukoll li hu stess kien mar ghand Karoll Calleja u kien wiegbu li kellu ragun. Stillato kien staqsih ghalfejn il-konvenuta ghadha tircievi l-kontijiet u Calleja kien qallu li dawk kien johroghom l-Accountant awtomatikament.

Ra x-xhieda ta’ Carmen Lantieri, prodotta mill-konvenuta, fejn tikkonferma x-xhieda tal-konvenuta u Michael Stillato.

Ra x-xhieda ta’ Luciano Martinelli, prodott mis-socjeta’ attrici, fejn jikkonferma li kien hemm ftehim bejn il-konvenuta u s-socjeta’ attrici. Jghid ukoll li dak il-ktieb ma jigix bl-Ingliz ghaliex dan kien cookery book u mhux instructions manual. Martinelli kien kellem lill-konvenuta fejn qalet li kienet diga wzat il-*microwave* u hu kien qallha biex ma tkomplix tuzah halli s-socjeta’ attrici tkun tista tigbru lura. Jikkonferma li s-socjeta’ attrici tat lill-konvenuta cookery book bl-Ingliz u kienu anke offrew li jixtru cookery book bl-Ingliz pero’ l-konvenuta baqghet tinsisti li riedet dak in partikolari tal-*microwave*. Jghid li hafna *microwaves* ghandhom instructions books izda mhux cookery books. Il-ktieb li kienet tat is-socjeta’ attrici kien recipe book biex jigi spjegat kif ghandu jigi wzat il-*microwave* u *oven grill*.

Illi skond il-*Consumer Affairs Act* tal-ED 2001 il-bejgh tal-merkanzija lill-konsumaturi jridu:

*“Comply with the description given by the trader.*

*The trader must provide a remedy for lack of conformity in the goods at the time of delivery. The remedy available is that the consumer gets a refund of an appropriate reduction in the price or by having the contract rescinded, if he cannot obtain the first option.”*

Illi m’hemmx dubju li fil-ftehim originali bejn il-partijiet is-socjeta’ attrici obbligat ruhha li tipprovdi ktieb bl-Ingliz. Illi kif graw ic-cirkostanzi l-konvenuta baqghet tistenna dan il-ktieb u zammet il-*microwave* ghandha u kompliet tuza l-

istess *microwave* (ghalkemm tghid li ma tistax tuzah kif tixtieq).

Illi f'cirkostanzi fejn il-konvenuta qalet li lesta thallas jekk tircievi l-ktieb l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ghandha tigi michuda.

Luciano Martinelli kkonferma li l-ammont "outstanding" in -konnessjoni mal-*microwave* huwa biss Lm80.00c (tmenin lira Maltin). L-imghax m'ghandux jiddekorri kontra l-konvenuta billi l-ftehim kien li s-socjeta' attrici kellha taghmel delivery ta' *microwave oven* u l-ktieb bl-ingliz.

Illi fid-dawl tal-ekwita' u fid-dawl tal-*Consumer Affairs Act* dan it-Tribunal jilqa' t-talba attrici biss fl-ammont ta' Lm50.00c (hamsin lira Maltin). Kull parti jhallas l-ispejjez tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------